# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 126, miżmuma nhar is-7 ta’ Lulju 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa u tlettax-il minuta ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru |
| • Omar E Arab | Pembroke LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |

Membri Online:

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

## AĠENDA

126.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
126.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
126.3 Komunikazzjoni tal-President;
126.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
126.5 Kumunikazjoni
126.6 Rapporti;
126.6.1 Management letter
126.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
126.7.1 Culture plan – set up of a culture sub comittee and start implementing strategy
126.7.2 Zibel NGO
126.7.3 Hon David Thake visit
126.7.4 Maghtab
126.7.5 New BOV key for accountant (Board Resolution)
126.7.6 New BOV current account for LES fines only (Board Resolution)
126.7.7 Festivals setting dates
126.7.8 Tree Planting – Butwhynot project (irrigation systems)
126.7.9 TOAD Case
126.7.10 Y-Engage – new courses
126.7.11 Social Impact Assesment
126.7.12 Team Building activity – Tour On The Footsteps of St Paul
126.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
126.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Vici President Paul Vella. Bdiet fis-19:13hrs

Il-Vici-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza. Il-President wasal ftit tal-minuti wara u kompla l-laqgħa.

## 124.1 - Qari t' Apoloġiji

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija

## 124.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 125 ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati, Abraham Aquilina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Romilda B Zarb staqsiet jekk il-preżentazzjoni tal-UIF kinitx intbagħtet. Is-SE wieġeb li kienu intbagħtu. Is-SE intalab jibgħat dan ir-rapport lis-Sinjura Zarb kif ukoll lis-Sur Chetcuti.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Slow Streets - Numru ta' Kunsilli urew ix-xewqa li jkunu parti mill-offerta t' għajnuna tar-Reġjun Tramuntana. Dawn huma il-Kunsilli ta: Ħal Għargħur, l-Imġarr, Ħad-Dingli, Mtarfa u n-Naxxar. Ir-Rabat u l-Mosta għadhom iridu jagħtu risposta. Is-Swieqi mhux ser tkun parti minnu.

SEPA – Abraham Aquilina saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li ma kien għadu rċieva xejn.

Varar tal-applikazzjoni tar-Reġjun. Is-SE spjega li l-Ġimgħa 10 ta' Lulju fid-disgħa u nofs ta' filgħodu ser issir din l-attivita ġewwa l-uffiċċju tar-Reġjun. Il-Ministru Herrera, Clayton Bartolo kif ukoll Karl Gouder għandhom ikunu preżenti.

Paul Vella talab li titwaqqaf il-laqgħa sabiex tkun tista tindirizza l-mejda Vania Verias mill-għaqda Municipal Waste Europe. Wara l-preżentazzjoni, il-laqgħa reġgħet infetħet. Saret diskussjoni fuq jekk ir-Reġjun għandux jidħol membru. Il-ħlas għal sena hu ta' 2500 ewro. Il-membri qablu unanimament li r-Reġjun jissieħeb f'din l-għaqda. Romilda B Zarb staqsiet jekk il-ħlas ta' din is-sena ikunx ta' sena shiha. Is-SE ser jikteb lill-assoċjazzjoni u jiċċekkja. Il-membri qablu li jekk il-prezz ikun inqas, għandna nissieħbu din is-sena.

Għamel ukoll preżentazzjoni l-Professur Azzopardi fuq l-istudju soċjali li għandu jsir fuq ir-Reġjun.
Il-membri qablu mal-preżentazzjoni mogħtija u talbu li l-eta' tas-survey tinżel għal sittax-il sena. Minħabba li l-istudju ikun qed isir mill-Universita' ta' Malta, ir-Reġjun jista jimxi għal direct order, iżda Romilda B Zarb talbet li naraw x'jista joffri s-suq. Is-SE spjega li kien ser jiddiskuti r-rapport mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali Marisa Pisani, kif ukoll mal-Ministru Herrera.

.

## 123.3 - Komunikazzjoni mil-President

## 123.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 123.5 – Komunikazzjoni

### Audit – Management Report

Il-membri iddiskutew ir-rapport tal-Awditur. Anton Mifsud ippropona li l-ittra risposta għall-kummenti tal-Awditur tkun approvata. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.

### Video Conferencing System

Il-Membri kollha qablu li r-Reġjun għandu jixtri sistema ta' video conferencing li tkun tista tintuża minn kulħadd. Is-SE ser ifittex offerti varji u jara x'joffri s-suq.

## Magħtab

Il-President ikkomunika li għandu laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia fuq dan is-suġġett fil-jiem li ġejjin.

## Tree Planting – But Why Not

L-NGO But WHY NOT, reġgħet offriet l-għajnuna lir-Reġjun u lill-Membri attivitajiet ta' tħawwil ta' siġar. Il-membri laqgħu din l-offerta tajjeb. John Buttigieg issuġġerixxa li s-SE jara jistax isir tħawwil ta' siġar fuq il-gżejjer ta' San Pawl. Is-SE ser jitkellem mal-ERA.

## Board Resolutions tal-Bank

Is-SE preżenta mozzjoni għall-bank sabiex tkun tista tinħareġ bank token lill-accountant kif ukoll isir kont ġdid biex fih imorru id-depożiti ta' citazzjonijiet. John Buttigieg ippropona li dawn il-mozzjonijiet jgħaddu. Christianne Mifsud issekondat il-Mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

## Toad Case

Il-Parir legali mogħti mill-Avukat Ian Vella Galea tqassam mal-membri u saret diskussjoni. Il-membri qablu li s-SE jgħaddi dan il-parir lid-Direttur Generali Natalino Attard u jiltolbu direzzjoni ta kif ir-Reġjun għandu jimxi.

## Dati tal-Festivals

Id-dati possibli tal-festivals, kemm tal-Baned u Nar kif ukoll tal-iStreet Idols – Street Sport kienu diskussi. Il-weekend 25- 27 ta' Settembru jidher li jkun l-aħjar weekend għall-festival tal Baned u Nar. Is-SE intalab isejjaħ laqgħa mal-parteċipanti u jiddiskuti magħhom l-aħjar data. Fir-rigward tal-festival Street Idols-Street Sport, il-membri qablu li jmorru għall-weekend tas-16 sa 18 t' Ottubru.

## Y-Engage – Child Care

Il-membri iddiskutew il-possibilita' li jsir kors ieħor ta' Child Care. Paul Vella ppropona li dan isir. Raymond Schembri ssekonda il-Mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Fuq il-Passi ta' San Pawl – attivita' ta' team building bid-dgħajjes.

Is-SE preżenta lill-membri attivita' li tkun għaċ-ċittadini, ida li tibda l-ewwel għall-membri Kunsilliera u staff tar-Reġjun. Il-ħsieb huwa li jsir tour mis-sur Mark Gatt – espert fuq il-miġja ta' San Pawl u tali tour ikun fuq il-baħar bid-dgħajsa Maltija. Jistgħu jattendu mas-70 persuna fuq żewġ luzzijiet. Christianne Mifsud ipproponiet li din l-attivita ssir, bir-Reġjun ikopri l-ispiża. Abraham Aquilina ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## **123.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 126. Paul Vella propona li jitħallsu l-pagamenti. Abraham Aquilina ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fl-għaxra ta' filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu fis-18.00 hrs.

_________________________ ______________________________

Anton Mifsud
President
Approvati llum 3 ta' Aw issu. 2020

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt